**5 ta' Ġunju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Carmela Barbara

*versus*

Carmelo Barbara

**Separazzjoni Personali — Prova — Xhieda tal-Konjuġi — Suffiċjenza ta' Kawżali Waħda — Alimenti — Diżokkupazzjoni — Art. 574 tal-Kap. 15.**

*Il-liġi tiddisponi illi kull parti f'kawża, ikun x'ikun l-interess tagħha, tista' tixhed, tant minn jeddha, kemm fuq rikjesta tal-parti l-oħra, kif ukoll fuq sejħa tal-Qorti "ex officio";*

*imma l-prova li l-liġi hekk tippermetti għandha tiġi kunsidrata bl-akbar kawtela u ċirkospezzjoni f'kawżi ta' separazzjoni personali, billi l-fatti li fuqhom tirraġġira ruħha d-depożizzjoni tal-konjuġi javveraw ruħhom ġeneralment bejn il-ħitan domestiċi.*

*Biex il-konjuġi offiż jista' jitlob is-separazzjoni personali minħabba eċċessi, sevizji, minaċċi u nġurji gravi, ma hemmx bżonn li dawn il-kawżalijiet jikkonkorru kollha, imma hu biżżejjed li tikkonkorri waħda biss minnhom; din, jekk pruvata, hi biżżejjed biex tiġġustifika t-talba għas-separazzjoni, purkè tkun tali li tivvijola profondament ir-rigwardi tal-ħajja konjugali.*

*Ir-raġel hu obligat imantni lill-martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu, u hu obligat imantni wkoll lill-uliedu. Diżokkupazzjoni tiegħu temporanea mhix motiv ġust biex huwa jiġi eżentat minn dak l-obligu.*

*Il-Qorti*:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li tippremetti illi l-imsemmi żewġha Carmelo Barbara rrenda ruħu ħati versu lejha ta' adulterju, swat, sevizji u nġurji gravi; u illi miż-żwieġ tal-kontendenti twieldet it-tifla Rita li għadha minuri; titlob illi, premessi d-dikjarazizjonijiet opportuni, u mogħtija u-provvedimenti meħtieġa, (1) tiġi minn din il-Qorti ordnata s-separazzjoni personali tal-kontendenti għal ħtijiet tal-konvenut; (2) il-kura tat-tifla komuni tal-kontendenti minuri Rita tiġi afdata lilha; (3) u l-konvenut jiġi kundannat jissomministra lilha u lit-tifla minuri Rita pensjoni alimentarja fl-ammont u bil-modalità li jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-kontendenti ilhom miżżewġin......;

Illi l-attriċi qegħdha titlob is-separazzjoni personali mill-konvenut żewġha fuq l-addebitu ta' adulterju, swat, sevizji u nġurji gravi;

Rigward l-ewwel addebitu, dak ta' adulterju, l-istess ma ġiex pruvat. Il-mera ċirkustanza......;

Rigward l-addebitu ta' swat, l-istess ġie negat mill-konvenut, u ebda prova estranea ma ssostni l-affermazzjoni tal-attriċi. Però, bħal ma ġie ritenut minn din il-Qorti, "la prova consentita dall'art. 577 del Codice di Procedura (il-lum l-art. 564 tal-Kap. 15 Ediz. Riv.) è da accogliersi colla massima cautela e circospezione dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell'interesse manifesto del deponente, può inferire dalla verosimiglianza del racconto, dalla corroborazione di quella prova, e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma è pur vero che in casi simili alla fatti specie i fatti su cui può raggirarsi la deposizione del coniuge si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domestiche......" (Vol. XXIV-II-9). Issa, apparti li l-atteġġjament tal-attriċi fix-xhieda tagħha deher ferm sinċier, frank u konvinċenti, xi ċirkustanzi minnha deposti ġew korroborati minn xhieda estranei, mentri ċirkustanzi oħra li ġew negati mill-konvenut ġew minnu ammessi in segwitu għall-provi li ġew prodotti; u f'xi oħrajn, minnu deposti, il-konvenut ġie kontraddett. Dan kollu jinduċi lill-Qorti tirritjeni l-affermazzjoni tal-attriċi bħala vera, billi tattribwilha l-forza probatorja bastevoli biex tiġġustifika dan l-addebitu minnha dedott kontra l-konvenut;

Rigward l-addebiti l-oħra, ta' sevizji u ngurji gravi, l-istess jirriżultaw ġustifikati. Irrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' sevizji l-konvenut meta, kif ġie pruvat, hu ma kienx jagħti każ ta' martu, tkellmu u tgħidlu biex ikellimha u hu ma jkellimhiex; meta kif ġie pruvat u ammess minnu stess, hu kisser xi affarijiet tad-dar, u qatta' wkoll ir-ritratti tat-tieġ tiegħu mal-attriċi, u anki dawk ta' wliedu, li evidentement huma atti oltraġġjanti bħala li juru disprezz manifest da parti tiegħu versu l-attriċi; u meta ħalla lill-attriċi u lill-bintu Rita privi minn kwalsijasi alimenti minn meta hu abbanduna d-dar konjugali, anzi bagħat jgħidilha li kien sejjer jikkonsenja ċ-ċwievet ta' dik id-dar lis-sid, ċjoè jipprivaha minn post fejn toqgħod ma' bintha. Irrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' ngurji gravi l-konvenut meta mputalha li t-tfal li kellha ma kienux minn tiegħu, u meta mputalha,

kif jidher mid-domandi lilha diretti fil-kontro-eżami u mix-xhud li pproduċa. li hi tiltaqa' ma' rġiel u tistedinhom għal affarijiet ħżiena; u dan meta xehed li hu ma għandux la-menti x'jagħmel kontra l-attriċi; u meta talab l-"unemployment benefit" taħt in-National Assistance Act għalieh biss minghajr ma semma li kellu l-martu u l-bintu;

Illi għalhekk, id-domanda tal-attriċi għas-separazzjoni personali minn żewġha għandha tiġi milqugħa; għaliex, għalkemm ma jirriżultax mill-addebitu tal-adulterju, jir-riżultaw soddisfaċentement l-addebiti l-oħra fuq imsemmija; u, kif ġie ritenut minn din il-Qorti, "perchè il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole, non è necessario che concorrano gli eccessi, le sevizie le minaccie e le ingiurie, ma qualunque di tali cause da sola basta, purchè sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" (Vol. XXVI-II-110); u fil-każ in diżamina l-kawżi fuq imsemmija, li ġew pruvati, jivvjolaw kull waħda minnhom il-konvivenza konjugali tal-kontendenti profondament;

Illi ċ-ċirkustanzi tal-każ jiġġustifikaw it-tieni domanda tal-attriċi. Apparti r-ribrezz li jidher li għandu l-konvenut għal bintu R'ta, billi qal lill-attriċi li mhijiex bintu, u li qatta' r-ritratt tagħha, huwa fuq kollox fl-interess tal-istess minuri li fl-età tagħha anqas minn tliet snin ikollha l-affezzjoni u l-kura li teħtieġ f'din l-età minn għand ommha, sakemm ma nġiebet ebda prova kontra l-integrità morali tal-attriċi;

Illi anki t-tielet domanda tiġi milqugħa. Il-konvenut, skond il-liġi, huwa obligat li jmantni lill-martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu, kif ukoll li jmantni l-bintu. Il-konvenut jgħid u veramenti ġie pruvat, li jinsab diżokkupat. Din iċ-ċirkustanza, però, mhix suffiċjenti biex teżonera lill-konvenut mill-obligu msemmi. Huwa ormaj paċifiku skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna, li d-diż-okkupazzjoni temporanea mhix motiv ġust biex wieħed jiġi eżentat mill-obligu li jissomministra l-alimenti lill-martu u lill-uliedu (Vol. XXX-II-166). Del resto, din id-diżokku-

pazzjoni donnu qiegħed jipprokuraha l-konvenut stess, sempliċement biex ma jkunx f'pożizzjoni li juniforma ruħu għall-imsemmi obligu. Infatti, hu beda ma jaħdemx ftit taż-żmien wara li abbanduna d-dar konjugali . . . . . . Għalhekk jidher li l-konvenut għandu, fiċ-ċirkustanzi tal-lum, jissomministra lill-attriċi għaliha u għal bitu Rita il-pensjoni alimentarja li sejra tissemma;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi a tenur tat-tliet domandi tal-attriċi u għall-finijiet tat-tielet domanda tikkundanna lill-konvenut jissomministra lill-attriċi, għaliha u għat-tifla minuri Rita il-pensjoni alimentarja ta' 7s. 6d kulljum ċjoè 5s. 6d għall-attriċi u 2s. għat-tifla minuri Rita Barbara, li għandha titħallas bl-antiċipat, settimanalment fid-domiċilju tal-attriċi, kull nhar ta' Tlieta, b'effett mil-lum stess. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.